**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta 9 ta' April, 2019**

**Rikors nru: 91/19 AGV**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-20 ta' Frar, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar l-20 ta' April, 2002 gewwa l-Knisja Parrokjali ta' Bormla.

2. Illi dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-Att taz-zwieg bin-numru 146/2002 u kopja tac-certifikat jinsab anness u mmarkat Dok.A.

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri DB nhar id-9 ta'Frar, 2004 u dan skond ic-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv tar-registru 558 tas-sena 2004, hawn anness u mmarkat bhala Dok.B.

4. Illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' nhar it-30 ta' Mejju, 2012 sabiex jipprocedu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali.

5. Illi ghalhekk is-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Reuben Debono, datata 6 ta' Gunju, 2012, kopja legali hawn annessa u mmarkata bhala Dok.|C.

6. Illi l-esponenti ilhom separati legalment ghal aktar minn erba' snin.

7. Illi ma hemmx possibilita' li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw.

8. Illi skond l-artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet irrinunzjaw reciprokament li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin.

9. Illi l-manteniment rigwardanti l-minuri DB huwa regolat permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet AB vs CB, kopja legali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. D li obbligat lill-missier CB gie jmantni lil bintu D, fl-ammont ta' mitejn u hamsin Euros (€250) fix-xahar.

10. Illi ghalhekk ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-20 t'April, 2002, jigi mahlul u ddikjarat bhala xolt.

(b) Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi;

(c) Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Intimat li eccepixxa illi:-

1.Illi l-esponenti jaqbel mal-fatti kif elenkati fir-rikors promotur u jaqbel li r-rekwiziti tal-Artiklu 66B tal-Ligijiet ta' Malta huma soddisfatti.

2. Illi l-esponenti jaqbel mat-talbiet rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom sseparati legalment mis-6 ta’ Gunju, 2012 permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono.

Jikkonfermaw li m’ ghadx hemm ic-cans ghar-rikonciljazzjoni, peress li llum tinstab f’relazzjoni stabbli.

Jikkonfermaw ukoll li qatt ma kien hemm obbligazzjonijiet ta’ manteniment lejn xulxin u ghall-minuri DB kien hemm sentenza fl-ismijiet AB vs CD[1] li ordnat manteniment ghall-minuri minghand l-intimat fl-ammont ta’ €250.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghall-kunjom xbubtiha u cioe’ “E’’.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

---

[1] Ara Dok.D anness.

**Onor. Anthony Vella**

**Imhallef**

**Deputat Registratur**